MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 928/2003

**Alexandra Vella u Angela Vella**

***Versus***

**Roderick Bezzina u *Poseidon Fisheries Limited***

F’din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu li jintraddulhom flus li silfu lill-konvenuti.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi f’Lulju ta’ l-1999 l-atturi kienu silfu xi flus lill-konvenuti li minnhom għad għandhom jintraddu erbgħa u għoxrin elf, erba’ mija u ħamsa u disgħin lira (Lm24,495). Il-konvenut Roderick Bezzina personalment kien għaraf dan id-dejn b’kitba privata tat-22 t’Ottubru 2002.
Billi għalxejn kemm-il darba sejħu lill-konvenuti, ukoll b’ittra uffiċjali tat-18 t’Awissu 2003, sabiex iħallsu d-dejn, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:
1. tgħid illi l-konvenuti *in solidum* bejniethom, għandhom jagħtu lill-atturi erbgħa u għoxrin elf, erba’ mija

u ħamsa u disgħin lira (Lm24,495), jew tgħid min minnhom għandu jagħti lill-atturi dik is-somma; u

2. tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejnithom, jew lil min minnhom huwa debitur, iħallsu jew iħallas erbgħa u għoxrin elf, erba' mija u ħamsa u disgħin lira (Lm24,495).

Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-18 t'Awissu 2003 u tal-mandati kawtelatorji ippreżentati flimkien mar-rikors, u l-imgħax legali mis-7 ta' Lulju 2002.

Il-konvenuti ma ressqux l-eċċezzjonijiet tagħhom fiż-żmien li tagħti l-liġi, iżda, billi n-notifika ma dehritx li kienet saret sew, il-qorti reġgħet ġeddet iż-żmien u l-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. kull dejn li jista' jkun dovut lill-atturi, jew lil xi waħda minnhom, ma huwiex dejn tal-konvenuti *in solidum*;
2. ma hemm ebda dejn dovut mill-konvenut liż-żewġ atturi flimkien;
3. il-biċċa l-kbira tal-kreditu pretiż mill-atturi ma hux ġej minn self, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni, u għalhekk *stricto iure* it-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt;
4. il-konvenut Roderick Bezzina personalment ma huwiex debitur ta' l-atturi – la flimkien u lanqas individwalment – fis-somma mitluba fiċ-ċitazzjoni;
5. is-soċjetà konvenuta wkoll ma hijiex debitriċi ta' l-atturi – la flimkien u lanqas individwalment – fis-somma mitluba fiċ-ċitazzjoni; u
6. is-somma mitluba mill-atturi hija f'kull każ wisq.

B'nota tad-29 ta' Jannar 2007 l-atturi naqqsu t-talba tagħhom b'elf u ħames mitt lira (Lm1,500) billi kien sar ħlas.

Il-fatti relevanti seħħew hekk:

L-attriċi Angela Vella hija omm l-attriċi l-oħra Alexandra Vella. Alexandra Vella u l-konvenut Roderick Bezzina [il-konvenut] kienu joħorġu flimkien bi ħsieb ta' żwieġ, u l-konvenut għalhekk kellu l-fiduċja ta' l-atturi.

Għalhekk ukoll, meta l-konvenut xtaq jarma negozju u kellu bżonn il-flus, talab l-għajnuna finanzjarja ta' l-atturi u dawn għenuh b'dan il-mod:

L-attriċi Angela Vella (l-omm):

- silfitu elfejn lira (Lm2,000) biex ħallas depożitu akkont tal-prezz ta' ħanut li xtara; u

- għamlet rahan b'depożiti bankarji ta' tnax-il elf, tliet mija u ħamsa u disgħin lira (Lm12,395) biex tagħmel tajjeb għal dejn li l-konvenut u s-soċjetà konvenuta *Poseidon Fisheries Limited* [is-soċjetà konvenuta] – soċjetà li waqqaf il-konvenut – flimkien *in solidum* kellhom ma' bank kummerċjali; billi l-konvenuti ma ħallsux dan id-dejn, il-bank sarraf id-depożiti mirhuna u ħa l-flus ta' l-attriċi biex tħallas id-dejn tal-konvenuti.

Angela Vella għalhekk kienet kreditriċi tal-konvenut waħdu fis-somma ta' elfejn lira (Lm2,000), u taż-żewġ konvenuti flimkien fis-somma ta' tnax-il elf, tliet mija u ħamsa u disgħin lira (Lm12,395). Billi l-attriċi kienet surrogata *ipso iure* fid-drittijiet tal-bank bis-saħħa ta' l-art. 1166(*ċ*) tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenuti huma marbutin *in solidum* għad-dejn li għandhom flimkien, kif kienu marbutin favur il-bank. Mid-dejn ta' elfejn lira (Lm2,000) l-konvenut ħallas elf u ħames mitt lira u fadallu jagħti ħames mitt lira (Lm500).

L-attriċi Alexandra Vella:

1. silfet lill-konvenut elf u tliet mitt lira (Lm1,300) biex iħallas dejn li kellu ma' terzi;
2. għal sentejn selfitu mitejn lira (Lm200) fix-xahar – erbat elef u tmien mitt lira (Lm4,800) b'kollox – biex il-konvenut seta' jħallas djun tiegħu u ta' missieru mal-bank; wara xi żmien il-modalità ta' dan is-self inbidlet għax flok tgħaddi l-flus lilu biex hu jgħaddihom lill-bank, l-attriċi bdiet tħallas lill-bank direttament; dan, fil-fehma tal-qorti, sar għall-prattiċità u ma jibdilx ir-relazzjoni bejn il-partijiet; u
3. isselfet ħamest elef lira (Lm5,000) mingħand zija tagħha u mbagħad silfet dawn il-flus lill-konvenut biex bihom seta' jwaqqaf is-soċjetà konvenuta.

B'kollox għalhekk il-konvenut għandu jagħti lill-attriċi ħdax-il elf u mitt lira (Lm11,100).

Imbagħad, b'kitba tad-29 t'Ottubru 2002, wara li l-konvenut għamel xi ħlasijiet akkont, il-partijiet ġabru flimkien dak li l-konvenut kellu jagħti kemm lil Alexandra u kemm lil Angela Vella, u l-konvenut stqarr li kien fadallu jagħti erbgħa u għoxrin elf, erba' mija u ħamsa u disgħin lira (Lm24,495).

Ukoll waqt is-smigħ tal-kawża, il-konvenut xehed[1] li ma jikkontestax li għandu jagħti dawn il-flus lill-aturi, ħlief

[1] Ara x-xiehda tal-konvenut fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2006, *fol*. 101.

għas-somma ta’ ħamest elef lira (Lm5,000), li, milli jidher, qiegħed jikkontestaha għal tliet raġunijiet:

1. għax is-self sar minn terzi persuni, *i.e.* iz-zija ta’ Alexandra Vella, u mhux mill-atturi;

2. għax is-self sar lis-soċjetà konvenuta, mhux lilu *proprio*; u

3. għax f’kull każ l-attriċi Alexandra Vella għandha sehem fis-soċjetà.

Ebda waħda minn dawn ir-raġunijiet ma hija tajba.

1. Il-qorti hija sodisfatta illi, bħala fatt, is-self miz-zija sar, minħabba *intuitus personæ*, lil Alexandra, mhux lill-konvenut, u Alexandra mbagħad silfithom lill-konvenut. Mnejn ġew il-flus ma hux relevanti; li hu relevanti hu li Alexandra silfet lill-konvenut.

2. Is-self sar lill-konvenut, mhux lis-soċjetà konvenuta. Il-flus ingħataw lill-konvenut biex hu jagħmel versament ta’ kapital fis-soċjetà u hekk jikseb ishma fiha. L-azzjonisti jinvestu flus tagħhom fis-soċjetà, u mhux flus tas-soċjetà stess.

3. Alexandra Vella għandha sehem wieħed (1) minn sbatax-il elf (17,000); il-bqija huma kollha tal-konvenut.

Ir-raġunijiet tal-kontestazzjoni għalhekk huma, fil-fehma tal-qorti, fiergħa, kif huma wkoll fiergħa l-eċċezzjonijiet li huma għalhekk miċħuda.

Il-qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut:

1. tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu lill-attriċi Angela Vella tnax-il elf, tliet mija u ħamsa u disgħin lira (Lm12,395), flimkien ma’ l-imgħaxijiet minn meta saret talba għall-ħlas b’att ġudizzjarju;

2. tikkundanna lill-konvenut waħdu jħallas lill-attriċi Angela Vella s-somma ulterjuri ta’ ħames mitt lira (Lm500), flimkien ma’ l-imgħaxijiet minn meta saret talba għall-ħlas b’att ġudizzjarju;

3. tikkundanna lill-konvenut waħdu jħallas lill-attriċi Alexandra Vella s-somma ta ħdax-il elf u mitt lira (Lm11,100), flimkien ma’ l-imgħaxijiet minn meta saret talba għall-ħlas b’att ġudizzjarju; u

4. tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu nofs l-ispejjeż, u tikkundanna lill-konvenut waħdu jħallas in-nofs l-ieħor.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------